MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **22 ta' Diċembru 2020** **Ref: DDLTS 52/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Keith Aquilina – Uffiċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **Sessjonijiet ta' tagħrif għall-ġenituri dwar OTPC tablets**

---

F'Jannar 2021 id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali se jorganizza sessjonijiet ta' tagħrif għall-ġenituri / kustodji tal-istudenti fir-raba' sena. Dawn is-sessjonijiet ta' siegħa, se jsiru onlajn permezz tal-Ms Teams.

Id-Direttorat jirrikonoxxi r-rwol kruċjali li l-ġenituri u l-kustodji qegħdin ikollhom fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Is-sessjonijiet offruti se jgħinu lill-parteċipanti jifhmu aħjar, kif bl-użu tat-tablets OTPC, uliedhom jistgħu jibbenefikaw mit-tagħlim formali u informali waqt li jassiguraw il-benesseri tagħhom.

L-iskejjel huma mitluba jinfurmaw lill-ġenituri / kustodji dwar dawn is-sessjonijiet u jinkoraġġixxu lil dawk interessati biex japplikaw onlajn u jagħżlu mill-links tal-applikazzjoni li jidhru fit-tabella fl-istess ħolqa.

Biex jirreġistraw għal waħda mis-sessjonijiet, il-ġenituri jistgħu jużaw din il-ħolqa:
https://primarydigital.skola.edu.mt/?page_id=2165

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**